**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' Lulju, 2019**

**Rikors nru: 255/13 AGV**

AB

Vs

CB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fl-4 ta' Jannar, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti izzewwgu fl-20 ta' Settembru, 2000, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dokument A.

2. Illi minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal D li twieldet fil-15 ta' Awissu, 2002 u E li twieldet fit-22 ta' Dicembru, 2004 u li llum ghandhom 13 u 9 snin rispettivament u cioe' minorenni u dan kif huwa indikat fic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok. B u C.

3. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet giet reza impossibli minhabba sevizzi, minacci, swat, ingurji gravi, theddid, vjolenza fizika u psikologika, adulterju u abbandun kommessi da parti tal-konvenut u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

4. Illi minkejja diversi tentattivi fuq medda ta' tlett snin da parti tal-esponenti sabiex il-konvenut jerga' lura ghall-hajja matrimonjali, dawn fallew u dan stante l-intrasigenza tal-konvenut zewgha.

5. Illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili Sezzjoni Familja datat is-7 ta' Ottubru, 2013, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok.D.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti B ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap.16) tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li minnha kienet hatja l-firda.

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri D u E tkun eskluzziva f'idejn l-attrici u tistabilixxi modalita' ta' access favur il-konvenut.

3. Tawtorizza lir-rikorrenti u l-minuri jibqghu jghixu u jirrisjedu fid-dar matrimonjali u dan bl-eskluzzjoni tal-konvenut.

4. Tordna li l-konvenut ihallas manteniment ghall-attrici u ghal uliedhom tenut kont li wahda minn uliedhom tbati minn kundizzjoni b'dizabilita' mentali.

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap.16).

6. Tiddetermina u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tordna li l-oggetti mobbli hekk appartenenti komunement lill-kontendenti jigu likwidati u maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti mhux necessarjament ugwali u tassenja z-zewg porzjonijiet wahda lil kull wiehed mill-partijiet u tinnomina nutar biex jircievi l-att opportun.

7. Tapplika fil-konfront tal-konvenut id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

8. Tawtorizza lill-attrici tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenut CB li eccepixxa:-

1. Illi l-esponenti jaqbel illi dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment izda dan zgur mhux tort jew htija tieghu, izda tort tal-istess martu li hija hatja ta' abbandun negligenti tal-familja, mohqrija, sevizzi, ngurji gravi.

2. Illi minhabba f'hekk l-esponenti jhoss illi l-komminazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 48 u 51 et. sec.tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ma ghandhomx ikunu applikabbli fil-konfront tieghu, izda semmai fil-konfront ta' martu.

3. Illi l-esponenti ma jaqbilx illi l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun fdata f 'idejn l-attrici, izda semmai f'isem iz-zewg partijiet flimkien.

4. Illi l-attrici ddekadiet mid-dritt ta' manteniment minghand zewgha.

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni ta'qabel din l-attrici ghandha x-xoghol taghha u barra minn hekk taghmel xogholijiet ohra li ma jidhrux u li minnhom taqla' l-flus u ghalhekk l-esponenti m'ghandux ikun tenut illi jhallas manteniment lil martu. Similment fir-rigward tal-minuri l-manteniment ghandu jinqasam bejn iz-zewg kontendenti, kulhadd skond il-mezzi tieghu.

6. Illi dwar id-dar matrimonjali, jinghad illi din hija proprjeta' ta' missier il-konvenut li taha l-uzu taghha lil konvenut b'mera tolleranza u ghalhekk il-mara ghandha tkun tenuta li tivvaka d-dar matrimonjali. Fi kwalunkwe kaz id-drittijiet ta' sid id-dar ghandhom jibqghu impregudikati.

7. Illi l-esponenti ma joggezzjonawx illi tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti b'dan illi hu jsostni illi l-flus u gid illi tnaqqar b'mod abbusiv minn l-attrici f'dawn l-ahhar xhur kemm ilhom bil-problemi l-koppja ghandhom jigu ritornati fil-komunjoni tal-akkwisti u l-esponenti jiehu s-sehem tieghu minnhom.

8. Illi salv il-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

9. Illi dan ir-rikors qieghed isir u qed jigi kkonfermat bil-gurament minn Edwin Camilleri illi ghandhom konoxxenza vera u proprja tal-fatti fuq imsemmija.

**FATTI**

1. L-attrici tghid li bdiet ir-relazzjoni taghha mal-konvenut meta kellha 20 sena. Xi sentejn wara bdew ifittxu post fejn joqghodu, pero' peress li ma kellhomx flus imfaddla ma setghux jissellfu flus mill-bank. Ghalhekk il-genituri tal-konvenut kienu offrewlhom post ta' sular wiehed fuq garaxx hdejn it-Trade Fair.

2. Biex inbena t-tieni sular, l-attrici tispjega illi missier il-konvenut kien bena u hallas dan il-bini, u ghenuh jibni r-ragel t''oht il-konvenut u missieru. Tghid li ma kienx hemm kuntratt u li hi kienet hallset il-madum tal-art (Lm150 u Lm75) u l-kamra tal-banju u r-ragel t''ohtha kien ghamel il-kisi. Il-konvenut jikkonferma ukoll li oltre dawn l-ispejjez, l-attrici kienet hallset ukoll tieqa kbira tal-washroom u bibien tal-hadid, izda dawn tal-ahhar kienu saru wara z-zwieg. Ighid ukoll li l-attrici kienet hallset l-ghamara ukoll. Il-konvenut ikkonferma li l-attrici kienet nefqet Lm300 biex xtrat zewg bibien tal-aluminium, zewg bibien tal-bjut, tieqa tal-washroom, tieqa tal-kcina tal-aluminium u li kienet hallset ukoll Lm300 ghat-tikhil, kisi tal-kmamar tal-appogg. Jikkonferma ukoll li kienet hallset Lm50 ghal xi bibien tal-kmamar tas-sodda.[1]

[1] Ara Dok.CJ1 – CJ3 a fol.278-280 tal-process.

3. L-attrici tispjega illi flimkien mal-konvenut kienu hallsu l-engagement u mbaghad kienet hallset ghall-honeymoon Praga.

4. L-attrici tghid li fil-bidu taz-zwieg kienet harget tqila bl-ewwel tarbija D. Imbaghad sentejn wara twieldet E, izda din twieldet b’hafna kumplikazzjonjiet peress illi waqt li kienet qed twelled kienet wehlitilha spallejha u wara ftit kienet waqfitilha qalbha. Tistqarr li Dr. Attard Montalto kien qallhom li t-tifla kienet veg u l-pulmun ma kienx jahdem sew. Wara tlett xhur imbaghad E kienet harget mill-Isptar u tghid li kellha toqghod maghha ghal 24 siegha. Kienet il-hin kollu tigri biha minn specjalista ghall-iehor u f’dan iz-zmien ftit kienet isib ghajnuna.

5. Meta l-minuri E kellha sitt xhur dahlet Eden Foundation pero’ tghid li mbaghad kellha tohrogha peress li kienu rriddupjaw il-prezz u ma kellhiex il-finanzi. L-attrici tghid li ghamlet l-almu taghha biex tghin lil bintha u llum dina kien irnexxielha titkellem u toqghod fuq saqajha.

6. Minhabba l-kura ta’ E l-attrici tghid li kienu jonfqu hafna flus u kellhom problemi finanzjarji, tant li kienet bdiet tahdem. Tispjega li l-problemi bdew l-aktar minn hawn, peress li minkejja li l-finanzji kien baxxi, il-konvenut kien mar jixtri vettura u din kienet tiswa’ hafna flus.

7. Imbaghad hi kienet tikkummenta li kien ikun ahjar li kieku nefqu l-flus fuq xi apparat ghat-tifla. Kien jonfoq fuq is-sigaretti ukoll. L-attrici tkompli tghid li fl-2007 kienet harget tahdem pero’ peress li kienet tfalli hafna minhabba l-appuntamenti tat-tifla minuri E, l-isptar, kienu keccewha. Imbaghad kienet sabet xoghol bil-lejl, izda ma kinitx sabet ghajnuna mill-konvenut. Pero’ finanzjarjament kienu bdew jiehdu r-ruh.

L-attrici tkompli tghid li meta t-tifla minuri D bdiet tikber, riedet tbiddel xi ghamara u l-konvenut kien gab xi ghamara mill-Maghtab, ghax kien qal li m'ghandux flus. Dan kollu huwa nnegat mill-konvenut. Tghid li lanqas ma kellhom flus biex jixtru l-libsa tal-precett u jaghmlu l-party u f'Mejju, 2011 kellha l-opportunita' li t-tifla minuri D taghmel il-precett Lourdes u kienet hadmet u stinkat sabiex itella' l-familja kollha.

L-attrici tispjega li l-konvenut kien imbaghad mar jahdem fl-istess post taghha u kellhom xiftijiet differenti sabiex jiehdu hsieb it-tfal, izda l-konvenut ma kienx itiha mill-paga tieghu, filwaqt li hi kienet tonfoq mill-paga taghha. Imbaghad tghid li l-konvenut kien mar jahdem mal-Arriva.

8. Il-konvenut kien tbiddel, mhux talli ma kienx ighin finanzjarjament, izda talli kien ghamel id-dar qisha lukanda diehel u hiereg. Kien anke beda jara lit-tfal zejda. Kien ighajjarha li t-tifla E kellha disabilita' tort taghha u kien jinsulentaha u l-kliem kien iweggaghha. Il-konvenut jinnega dan ukoll. Kien ikollhom hafna argumenti sabiex il-konvenut ihallas parti mill-kontijiet tad-dawl, ilma u tat-telefon. F'Mejju, 2012, meta kienet bdiet il-proceduri ta'separazzjoni, kien beda jorqod tlett ijiem barra mid-dar. F''Lulju, 2012, kienet bdiet il-medjazzjoni u kienu ftehmu sabiex izomm it-tfal fil-weekend sabiex setghet tahdem. Ghal bidu zammhom, izda mbaghad le. F'Settembru, 2013 kien hareg id-digriet tal-manteniment, izda l-konvenut ma kienx ihallas regolarment u kellha titla' l-Qorti erbgha darbiet biex taghmel rapport fuq nuqqas ta' hlas. Illum tghid li l-manteniment qed jithallas regolarment. Il-konvenut minflok jinsisti li hu qed ihallas €400 manteniment fix-xahar lill-attrici.

9. L-attrici tkompli tispjega li wara li t-tfal ghamlu l-precett, l-istess kien zied l-inkwiet. Kienu marru ghand Dr. Charles Azzopardi biex jippruvaw

isalvaw iz-zwieg u kienu marru jkellmu xi counsellors, izda dan kien kollu ghalxejn ghax iz-zwieg kien tfarrak. Tispjega ukoll li kien hemm diversi drabi fejn kienu ppruvaw jirrangaw u l-konvenut kien jheddiha li inkella ma kienx jghaddilha flus ghall-minuri. F'dan il-perjodu tghid li kien abbuza minnha sesswalment. Izid tghid li kienet marret counselling u kienet eventwalment ikkonvincit lill-konvenut biex imur maghha, izda kienu tawha parir li ma kellux intenzjoni li jirranga specjalment peress li kellu mara ohra.

10. L-attrici tistqarr li llum il-konvenut telaq mid-dar f'Jannar, 2014 u kien ha hwejjgu u mar ighix mal-habiba. Kien ighid li kien jorqod go trukk, pero' l-attrici tinnega dan peress li gieli jorqod ghand ommu jew go xi flat mas-siehba tieghu. Tikkonferma li kienet insertat lill-konvenut ma' siehbitu xi tlett darbiet. Meta kienet iltaqghet maghhom l-ewwel darba l-isptar, siehbitu qaltilha li l-konvenut kien taha x'tifhem li kien diga' sseparat, izda ma kienx minnu. Kienet indunat li kien qed jikkometti adulterju ghall-habta ta' Novembru, 2010, peress li mill-kont tal-mobiles kien jidher kemm il-darba n-numru ta'FG. Tghid li kienet baghtet messagg bi zball fuq in-numru ta' FG u kemm il-darba kienet tikkomunika mar-ragel taghha, l-istess G kienet tibghatilha l-messaggi.[2] Il-konvenut jinsisti li hu kien beda relazzjoni wara li telaq mid-dar u din ir-relazzjoni damet anqas minn sena.

11. Bhala xoghol tal-konvenut, l-attrici tghid li llum jahdem bhala xufier mal-Paramount, filghodu hafna drabi jahdem mat-tfal tal-iskola u mbaghad shift iehor tal-linja. Il-konvenut stess jispjega illi l-paga tieghu tammonta ghal €500 kull hmistax li jista' jvarja jekk jaghmel l-"overtime."

[2] Ara Dok. CJ1-Dok.CJ3 a fol.

12. L-attrici tghid li r-relazzjonijiet bejnha u t-tfal mal-konvenut mhix tajba ghaliex lanqas ikellimhom, lanqas meta jmur ighallef il-kelb. Tametti li dan iwegga' lit-tfal u partikolarment E, li gieli kienet insertat lill-konvenut jahbat ghaliha, tibki malli tisimghu gej. Il-konvenut jametti li ilu ma jara lil bintu u dan peress li malli jmur l-attrici tibda tparla fil-vojt. Kien hemm okkazzjoni fejn kienet ippruvat tghallaq lilha nnifisha u darba ohra kienet ippruvat tinzel it-tarag fuq idejha. Minhabba dawn l-episodji, l-attrici tistqarr li qed tiehu lill-minuri E c-Childrens Guidance Unit. Il-minuri ghandha diversi problemi fizici u bzonnijiet specjali. Ghandha bzonn tal-LSA l-iskola u jekk ma tistax tkun maghha, l-attrici tghid li jkollha tigborha mill-iskola u toqghod maghha. Tghid li gieli kienet takkumpanjahom l-outings. Il-konvenut jikkonferma ukoll li l-attrici kienet tmur l-isptar bit-tifla darba f'xahar.

Dwar it-tifla minuri D li kellha sittax-il sena, l-attrici tinnega li kienet qiedgha f'relazzjoni ma' HI u li kienet tghix mieghu skond kif kien qed jigi suggerit fuq Facebook mit-tifla stess u kif giet mitluba in kontro-ezami. Tghid li kienet thares lejh bhala missierha u kienet tmur ghandu ghax kienet qed titghallem sabiex issir mekkanik.

Tghid ukoll li missier il-konvenut kien ighajjar lill-minuri E "imbarazz" u kull darba li t-tfal kienu jmorru ghand il-genituri tal-konvenut, kienu jigu lura mbikkmin. Dan gie kkonfermat ukoll minn JK, oht l-attrici. Il-genituri tal-konvenut kienu jghidu lit-tfal kontra l-attrici.

Tispjega li f'April, 2004 kien hemm digriet li l-konvenut ghandu jiehu hsieb il-minuri f'hinijiet tax-xoghol taghha ta' billejl. Tghid li kien hemm okkazzjoni meta binthom kienet cemplitilha ghall-habta tat-3.30 am biex

tghidilhom li missierha kien hallihom wahedhom. Kienet telqet mix-xoghol u marret taghmel rapport lill-pulizija.

Tistqarr ukoll illi kienet ghaddiet zmien imbezza’ ghax il-konvenut kien jaqbad jidhol id-dar meta jrid anke fis-sighat bikrin ta’ filghodu u kien jaqbad joffendiha. Kien anke biddel is-serratura tal-garaxx sabiex ma jkunx jista’ jidhol u sahansitra kien nehha l-pjanci tal-vettura li kienet tuza’ sabiex ma tintuzax. Tistqarr li kien hemm incident fejn kisser il-windscreen tal-karozza fuq it-tfal. Da parti tieghu, il-konvenut jinnega din l-akkuza u jghid li dak li sehh kien minhabba argument li kellhom u l-attrici kienet saqet ghal fuqu, ha daqqa u nkissret it-tieqa tal-genb fuq wara tal-karozza.

Tghid li ma kienx qed ihallas il-kontijiet pendenti taz-zmien li kien ikun id-dar u spiccat biex thallshom hi, ghax kienu qatghulha d-dawl. Kien hemm arretrati ta’ €1000. Il-konvenut jinsisti li hu kien hallas €300 minn dan il-kont.

13. Gianluca Cappitta in rapprezentanza ta’ Global Capital plc. ikkonferma li hemm polza numru 104-1144 f’isem il-partjiiet u li kienet ghadha attiva.[3] Jispjega li l-ammont li kellu jithallas kien ta’ €116.47 u kellu jithallas kull erba’ xhur, izda jghid li ma kellux informazzjoni dwar kif kien jithallas, pero’ illum kien waqaf li jigi mhallas.

Ighid ukoll illi l-policy 8001-3263 ghadha attiva ukoll u din kienet tithallas mill-konvenut, pero’ jidher li ma baqghetx tithallas. Jikkonferma li sal-20 ta’ Mejju, 2014 il-policy account value kienet tammonta ghal €68.24, u meta nbdiet fl-1991 kien ihallas il-premiums ta’ €2493.40.

---

[3] Ara Dok.GC 1 a fol.49 tal-process.

Rigward il-poloz numri 8001 3264 u 80013265 jikkonferma li dawn ma kinux ghadhom attivi.

14. Dr. Ilenia Micallef Grimaud in rapprezentanza ta' MSV Life plc. jikkonferma li l-partijiet kienu sidien tal-polza li nharget fit-2 ta' Frar, 2001. Ighid li kellhom ukoll polza fuq il-hajja. Is-surrender value ta' llum tal-polza kien jammonta ghal €10,024.30 u dan jeskludi l-annual policy loan li jammonta ghal €970.57 (zewg APL marbutin flimkien) u dan is-surrender value qed jigi kkalkolat mill-ewwel gurnata sas-sena 2026. Bhala investment value jikkonferma li dan kien jammonta ghal €13, 408.29. Jekk il-polza tkun trid tithallas se jithallas is-surrender value u l-ammont ta' APL jitnaqqas mis-surrender value. Fil-kaz ta' mewt, l-APL jitnaqqas mis-somma assikurata. Tikkonferma ukoll illi bejn it-2 ta' Frar, 2001 u l-1 ta' Frar, 2009, l-ammont ta' premium pagabbli fuq din il-polza kien ta' €931.75 u mbaghad l-ammont ta' premium fl-1 ta' Frar, 2009 li gie mhallas kull sena tnaqqas ghal €465.87.

Tikkonferma ukoll illi l-ahhar zewg premia ghadhom ma thallsux u t-total tal-actual premium paid jammontaw ghal €10,715.10. Tispjega li sabiex il-polza tigi trasferita fuq terzi persuni jkun hemm bzonn il-kunsens taz-zewg partijiet segwit minn att pubbliku.

15. Christine Farrugia in rapprezentanza ta' Banif Bank ikkonfermat li kien hemm kont kurrenti bin-numru 183 431 10001[4] f'isem il-konvenut. F'isem l-attrici kien hemm zewg kontijiet, kont kurrenti u term deposit account.[5]

[4] Ara DOk.CF 1 a fol.51 tal-process.
[5] Ara Dok. CF2 u CF3 a fol.52 u 53 tal-process.

16. Romuald Attard, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta kkonferma li kien hemm kont wiehed f'isem CB, li kien ghadu attiv u kien fih bilanc ta' €339.59.[6]

F'isem l-attrici rrizultaw zewg kontijiet, wiehed illum jinstab maghluq u l-iehor li nfetah fit-13 ta' Dicembru, 2013 kien ghadu attiv u fih bilanc ta' €790.25[7]

17. Joseph Saliba in rapprezentanza tal-Employment and Training Corporation esebixxa l-employment history tal-konvenut.[8] Jikkonferma li llum kien jahdem bhala xufier ma' Leo Grech. Esebixxa ukoll l-engagement form.[9]

18. Sharon Cutajar, occupational therapist tal-minuri E mal-Eden Foundation, tghid li ratha l-ewwel darba fl-2007, specjalment peress li kellha problemi fizici f'nofs gisimha, specjalment idejha. Twieldet b'cerebral palsy u idejha l-leminija hija deformata u "disabled" u ghalhekk ghandha problemi fil-kitba.

Ix-xhud tispjega illi kienet marret tkellimha l-attrici u wara li ghamlu assessment ippreparaw treatment ghaliha. Ippruvaw jirkurpraw l-id leminija, izda minhabba hafna diffikoltajiet spiccaw jaraw setghux itejbu l-id xellugija. Kienu esploraw ukoll metodi alternativi tal-kitba permezz tal-adaptive keyboard. Kellha ukoll Learning Support Assistant. Tghid li kien hemm zmien meta kienet tmur darba fix-xahar. Illum tghid li ilha ma taraha ghal tlett xhur u l-ahhar li ratha kienet ahjar ghal dak li jirrigwarda l-mobilita' taghha u aktar kellha kontroll ta' riglejha tal-pelvis u trunk. Peress li t-tifla qed tikber kienet ghenitha biex tkun aktar funzjonali. Tghid

[6] Ara Dok.AG 1 a fol. 58 tal-process.
[7] Ara DOks AG 2 u AG 3a fol. 75-80 tal-process.
[8] Ara Dok. JS 1 a fol,.54 tal-process.
[9] Ara Dok.JS 2 a fol.82 tal-process.

ukoll li l-ispeech taghha huwa affettwat, pero' peress li stinkat hafna biex waslet fejn hi, izda ghad ghandha diffikultajiet kbar. Ix-xhud tghid li kienet rat lill-konvenut darba wahda biss izda f'bbq, izda qatt waqt is-sessjonijiet.

19. Ix-xhud 3123 Maryanne Gauci, esebit ir-rapporti li saru mill-attrici fil-konfront tal-konvenut.[10]

20. Sonia Brincat, Assistant Head Naxxar Primary School, ikkonfermat li t-tifla minuri E kienet studenta fl-iskola taghha sa Gunju, 2015 u peress li kellha bzonnijiet specjali kellha LSA. Tistqarr li hafna drabi l-kuntatt kien ikun mal-attrici, minkejja li kien hemm xi okkazzjonijiet fejn il-konvenut kien attenda xi parents day.

Ix-xhud issemmi incident li sehh l-iskola, fejn il-minuri kienet kalma ghax kien sar il-hin li tmur id-dar, izda kien wasal missierha ghax kien xufier u kien jmur jigbor studenti ohra. Ghamlet xenata.

Ix-xhud tikkonferma li l-minuri kienet ghamlet hafna progress u kienet bdiet timxi wahedha u rnexxielha ukoll taghmel l-ezamijiet tal-benchmarking.

21. Doreen Vella, social worker fic-Child Protection Unit tghid li kienu rcevew informazzjoni dwar abbuz psikologiku fuq zewgt itfal minuri, E u D u dan minhabba sakemm dam ighix maghhom missierhom u cioe' l-konvenut kienu raw episodji ta' vjolenza domestika. Kien hemm ukoll rapport ta' natura sesswali. Pero' tghid li dawn l-akkuzi qatt ma gew ikkonfermati peress li sakemm ikkomunikaw mal-attrici kienet infurmathom li l-konvenut kien telaq mid-dar matrimonjali u kien imur id-dar biss biex

[10] Ara Dok. MG1 – mG20 a fol. 162-213

jaghlef l-annimali u kienet dejjem tkun mat-tfal. Tghid ukoll li kienet tkellmet ukoll ma’ Lorna li kienet ukoll social worker tal-minuri E.

Tistqarr li dan il-kaz dam biss hames xhur u naghlaq fis-6 ta’ Jannar, 2016. Tghid li l-informazzjoni kienu rcevewha fuq il-missier mill-iskola.[11]

22. Sharon Grech Camilleri, physiotherapist fic-Child Development Assessment Unit tghid li kienet tara lill-minuri E fl-2005. Peress li kienet ghadha tarbija, kienet tghinha fl-izvilupp taghha. Kienet turiha l-ezercizzji u mbaghad kienet tkomplihom id-dar. Tistqarr li kienet rat zviluppi kbar fit-tifla u kienet ghadha ssegwiha sallum. Kollox kien ghen ghal dan l-izvilupp, is-sezzjonijiet l-iskola u d-dar. Tghid li kienet anke ghamlet hafna zvilupp fil-homeworks. L-ezercizzji li kienet taghmel kienu biex ighinuha fizikament ghall-izvilupp. Tghid li jkun hemm okkazzjonijiet fejn it-tifla mhux dejjem tikkoopera.

23. Claire Francica, counselling psychologist, kienet isegwi t-tfal tal-minuri. Dwar it-tifla D kienet ratha fl-2014 u lil E fis-sena 2015. Tghid li D kienet issib is-sezzjonijiet difficili ghax ma kinitx taf bihom. Tghid li l-akbar problema taghha kienet it-tibdil fir-relazzjoni taghha ma’ missierha, fejn qabel kienu jikkomunikaw, imbaghad qataghha minn hajitha. Kienet tkun difficli ghax ma kinitx taf fuq liema naha kienet se tintefa’ u tghid li ma tantx kienet tafdaha biex imorru f’postijiet li kienu ta’ ugigh ghaliha, jigifieri kienet tibza’ tiehu posizzjonijiet naha jew l-ohra fir-relazzjoni ma’ missierha. Meta rat li t-tifla ma kinitx lesta li tiehu l-problemi aktar fil-profond, kienet iddecidiet li twaqqaf is-sezzjonijiet. Tghid li kienet issuggerit counselling services ghat-tifla u kienet qalet b’dan l-attrici, pero’

[11] Ara Dok. DV a fol. 214 tal-process.

t-tifla kienet irrifjutat dan ukoll. Tistqarr li t-tifla kellha hafna rabja go fiha u r-riskju kien li kienet se tkun f'posizzjoni vulnerabbli fis-socjeta'. Tghid li l-ahhar li ratha kien fl-2015 u kienu waqfu s-sezzjonijiet peress li ma setghetx tisforzaha.

Dwar il-minuri E, tghid li segwitha fis-sena 2015 ghal sena shiha. Kienet zammet 24 sezzjoni fejn it-tifla kellha hafna spazju biex tohrog l-issues taghha waqt dan il-playtherapy. Problema kbira kienet ir-relazzjoni taghha ma' missierha. Kienet tahseb li kien izomm id-distanza minn maghha peress li kellha d-dizabilita' tal-palsy. Meta missierha telaq esperjenzat wegghat kbar u kienet tirrabbja li missierha ma tantx kien jaghtihom sapport meta is-sitwazzjoni finanzjarja taghhom ma tantx kienet tajba. Meta missierha kien jaraha l-iskola u jsejhilha, dan kien ikollu effett katastrofiku. Kien ikollha "destructive play," tkisser l-affarijiet u tghajjarhom u dan ghaliex kienet tifla sensittiva. Minkejja li l-minuri kienet taf li missierha kellu mara ohra, l-aktar li kien jipperturbaha kien l-abbandun ta' missierha.

Ix-xhud tikkonferma li l-attrici kienet thallas ghas-sezzjonijiet li kienu jiswew €30 kull sessjoni.

In kontro-ezami, ix-xhud tghid li ma kinitx taqbel li l-minuri kienu influenzati mill-attrici kontra l-konvenut u dan peress li kienu semmew li darba kien hemm relazzjoni ma' missierhom. Tghid ukoll li ma kinitx hasset il-htiega li tibghat ghall-missier peress li l-kustodja kienet tal-attrici u l-minuri D ma rieditx terga' tistabilixxi kuntatt ma' missierha.

Ix-xhud ziedet tghid ukoll, li l-minuri ma kinux tfal tosti u kienu konxji tal-limitazzjonijiet tal-familja taghhom u ghalhekk ma kinux ezigenti m' ommhom.

24. JK, oht l-attrici tikkonferma li l-konvenut ma kienx missier responsabbli u kien ihalli lill-attrici minghajr flus, specjalment meta kellhom it-tfal. Tghid ukoll li l-konvenut kien infidil m'ohtha ma' wahda FG li kienet tibghat messaggi mhux xierqa lill-attrici. Ziedet tghid ukoll li t-tifla minuri ghada hajja sallum grazzja ghall-attrici li dejjem ghamlet l-almu taghha biex tghin lil E, tigri biha l-isptar, ir-Razzett tal-Hbiberija u l-Eden Foundation. Il-konvenut qatt m'ghenha lanqas fix-xoghol tad-dar. Tispjega li meta l-attrici bdiet il-medjazzjoni, il-konvenut beda jirrifjuta li jzommilha t-tfal u sabiex tista' tmur tahdem il-Casino, ohtha tametti li kienet tghinha bit-tfal u meta ma setghetx, l-attrici kienet tiehu l-leave.

Tikkonferma ukoll li kienet rat lill-konvenut fil-presenza ta' mara ohra waqt it-Trade Fair fl-2016.

L-inkwiet tax-xhud jikkoncerna l-minuri D li kienet harrbet mill-iskola biex toqghod tiggerra mal-hbieb. Kienet spiccat giet involuta l-pulizija biex ifittxuha, li fl-ahhar sabuha. Ix-xhud tghid li tinsab inkwietata ghal D peress li ghandha hafna rabja fiha minhabba l-mod kif abbandunahom missierha l-konvenut u tissuppervja hafna, tant li tibza' li xi darba jew ohra taghmel xi suwicidju. Tghid li l-attrici qed terfa' wisq responsabbilitajiet, filwaqt il-konvenut ifarfar.

Ix-xhud tkompli tghid li l-konvenut kien attenda xi tlett sezzjonijiet.

25. Il-konvenut jichad li ghandu tort ghas-separazzjoni. Jichad li kien ikkometta adulterju sakemm damu jghixu flimkien u kien beda johrog ma' mara ohra ferm wara kien telaq lill-attrici. Ir-raguni ghaliex kien telaq ighid li kien minhabba li l-attrici kienet il-hin kollu tissuspetta fih, tparla zzejjed u kienu l-hin kollu jillitikaw.

Jikkonferma li kien ihalli l-finanzi f'idejn l-attrici. Ighid li hu kien jahdem hafna u jikkonferma ukoll li kien hemm xi zmien meta l-attrici kienet harget tahdem ukoll u dan minhabba li kellhom limitazzjonjiet finanzjarji.

Dwar id-dar matrimonjali, il-konvenut ighid li din kienet tappartjeni lill-genituri tieghu u dawn iriduh lura. Ighid li dan il-post kien ghandhom minghajr kuntratt.

Dwar l-assi jispjega illi kellhom polza ta' assikurazzjoni mal-kumpanija Middlesea Life, li jametti li kien waqaf ihallas meta beda l-inkwiet mal-attrici.

Fuq il-kura u kustodja tal-minuri, il-konvenut ihoss li din ghandha tigi fdata lill-attrici peress li t-tfal illum lanqas iharsu lejh minhabba li huma mghawwin.

Dwar il-vetturi jikkonferma li hu ghandhu Hyundai Lantra, proprjeta' tat-tifel t'ohtu u kellu vettura ohra Holden, filwaqt li l-attrici kellha Toyota Starlet.

Jikkonferma li ma kellhomx kontijiet bankarji.

**IKKUNSIDRAT**

L-attrici qed izomm il-konvenut responsabbli ghas-separazzjoni, fosthom eccessi, sevizzi, ingurji gravi, adulterju u abbandun, pero' fis-sottomissjonijiet taghha tiffoka l-aktar fuq l-abbandun u adulterju. Dwar l-vjolenza fizika, minkejja li saret referenza ghaliha, ma jirrizultax li l-attrici qatt ipprocediet stante illi mbaghad il-konvenut kien telaq mid-dar matrimonjali.

**<u>ABBANDUN</u>**

Mill-gurisprudenza nostrana gie ritenut illi u hawn issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb noe"** (P.A. 22 ta' Frar 1961) fejn din il-Qorti diversament preseduta sostniet illi:-

***"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun."***

Fil-kawża **Andrea Avellino vs. Regina Avellino,** insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: **"*Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat***

***deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva.***"

L-attrici gabet provi li kienet ilha tissusspetta li l-konvenut kien qieghed f'relazzjoni ohra sa mis-sena 2010 u f'Jannar, 2014 kien abbanduna lill-attrici u lil uliedu. Il-konvenut stess jametti li kellu relazzjoni li damet xi sena, izda kienet bdiet wara li telaq lill-attrici. Ighid li telaq minhabba t-tghajjir, il-glied li kien hemm bejniethom u peress li l-attrici kienet il-hin kollu tissusspetta fih.

Jirrizulta inekwivokabbilment li l-konvenut ma riedx jibqa' f'dan iz-zwieg u jwahhal fl-attrici, li ma kinitx tafdah, pero' l-attrici kienet ilha tissuspetta li l-konvenut kien f'relazzjoni ma' mara ohra u dawn is-suspetti kienu jmorru lura ghas-sena 2010 peress li kienet rat il-kontijiet tal-mobile. Ghalhekk, il-verzjoni tal-attrici hija aktar kredibbli u jirrizulta li l-konvenut li kellu wicc haddiehor, ried jitlaq u jabbanduna l-familja tieghu u llum dan ilu aktar minn sentejn.

In vista ta' dan jidher li hemm ragunijiet sufficjenti sabiex l-konvenut jitqies responsabbli ghas-separazzjoni minhabba abbandun.

**ADULTERJU**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

"… *l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif*

*tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet* ***"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".*** *(P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".* **("Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** *Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".*

Il-konvenut jametti li kien qieghed f'relazzjoni, pero' donnu jrid iserrah rasu li gialadarba r-relazzjoni bdiet wara li telaq lil martu, ma setax ikun hemm adulterju. Iz-zwieg igib mieghu l-obbligu ta' fedelta' u anke jekk koppja tissepara, dak l-istess obbligu jibqa' fis-sehh, la darba separazzjoni ma ggibx ix-xoljiment taz-zwieg. Inoltre, l-attrici gabet provi in sostenn tal-adulterju kommess mill-konvenut u dan jikkonvinci lil dina l-Qorti li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju, aktar u aktar meta l-verzjoni tal-attrici hija kkorroborata minn xhieda ohra.

L-attrici pproduciet diversi messaggi li kienet tircievi minghand il-habiba tal-konvenut b'certi dettalji intimi dwarha u l-konvenut u dan iwassal biex jikkonvinci lil dina l-Qorti li dawn huma indizji u prezunzjonjiet sufficjenti biex jikkonfermaw l-adulterju.

**KURA U KUSTODJA**

Il-minuri D u E , ilhom zmien ma jkollhom kuntatt ma' missierhom u dan l-abbandun da parti ta' missierhom il-konvenut. Il-konvenut ma jopponix li l-kura

u kustodja tal-minuri tigi fdata eskluzzivament lill-attrici peress li t-tfal lanqas iharsu lejh ghax mghawwijin skond hu.

Tul il-proceduri jirrizulta li l-konvenut qata' kull kuntatt mal-minuri, ghaliex ighid li l-attrici tparla fil-vojt. Dan halla impatt kbir fuq it-tfal, tant li l-minuri E tkun mbezza' hafna minn missierha. Il-minuri D ghandha hafna rabja go fiha u minkejja li t-terapisti ppruvaw ighinuha, sabu li kien difficli hafna minhabba li tinghalaq go fiha u mhix disposta li tesprimi l-emozzjonijiet taghha, tant li anke bdiet tirribella. It-tfal

L-attrici ghamlet l-almu taghha sabiex il-minuri E taqleb ghall-ahjar minhabba l-problemi taghha ta' "palsy" u anke t-terapisti kollha li xehdu kkonfermaw li fil-maggorparti dejjem kienet l-omm u cioe' l-attrici li kienet tkun prezenti.

Ghaldaqstant, il-Qorti, peress li jirrizulta li m'hemmx opposizzjoni, thoss li l-kura u kustodja ghandha tigi fdata eskluzzivament lill-attrici, pero' tosserva ukoll li ghall-konvenut huwa ukoll mezz biex ifarfar aktar mir-responsabbilitajiet tieghu, ghax it-trobbija taz-zewgt ulied minuri mhu xejn facli ghall-attrici, E bid-dizabilita' taghha, filwaqt li D zaghzugha tiribella minhabba r-rabja kbira li ghandha go fiha.

Dwar l-access ghall-konvenut, tant hemm wegghat bejn it-tfal u l-konvenut, li access instantanju mhux l-ahjar soluzzjoni u mhix rakkomandabbli fic-cirkustanzi. Hemm hafna ostakoli insormontabblu u jehtieg li qabel ikun hemm hafna family therapy sabiex dan ikun jista' jsehh u mbaghad progressivament ikun hemm il-possibilita' li jghaddu ghall-access. Ikun opportun pero' tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, li l-attrici tiehu kwalsiasi decizjoni unilateralment relatati mal-edukazzjoni u sahhet it-tfal, in partikolari tal-minuri E.

**<u>DAR MATRIMONJALI</u>**

Il-partijiet kienu marru jghixu go appartament li kienu tawhom il-genituri tal-konvenut peress li ma kellhomx flus bizzejjed biex jissellfu flus mill-Bank. Missier il-konvenut kien imbaghad bena t-tieni sular u l-attrici u l-konvenut hargu diversi spejjes.

Illum il-konvenut ma baqax ighix fid-dar matrimonjali peress li gie stabbilit li abbandunaha fl-2014.

L-artiklu 55 A jikkontempla illi:-

***"Meta taghti s-sentenza tal-firda, il-qorti ghandha, fuq it-talba ta' xi wahda mill-partijiet, tordna, skont ic-cirkostanzi:-***

***(a) li xi parti minnhom ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg, ad eskluzjoni tal-parti l-ohra, u ghal dak il-perjodu u taht dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa;***

***Izda f'kull kaz, il-qorti ghandha tqis dan li gej:***

***(a) l-ahjar interess tal-ulied minuri, inkluz l-impatt li jista' jkun hemm fuq l-ulied minuri jekk tilqa' talba maghmula skond dan l-artikolu;***
***(b) il-gid tal-partijiet u tal-ulied; u***
***(c) jekk il-partijiet ghandhomx, jew jekk bil-mezzi u l-hiliet taghhom jistax ikollhom, post iehor fejn ighixu."***

Mill-provi jirrizulta li l-partjiet m'ghandhomx xi introjtu sostanzjali. Biex tahdem, l-attrici ghandha l-limitazzjonijiet taghha, minhabba t-tifla minuri E u jekk tista' tahdem huwa minhabba l-ghajnuna li ssib in partikolari minn ohtha.

M'hemmx kontestazzjoni li d-dar matrimonjali kienet tappartjeni lill-genituri tal-konvenut u llum l-eredi huma hutu, izda madanakollu din inghatat lilhom biex tkun id-dar matrimonjali taghhom, izda l-konvenut jinsisti li dahlu hemm b'mera tolleranza. L-istess attrici tat is-sehem taghha b'diversi spejjes li nefqet biex jitlesta dan il-post.

Oltre minn hekk jirrizulta li t-tifla minuri E, ghandha l-problemi fizici taghha u maz-zmien drat f'din id-dar u tkun aktar familjari maghha milli post iehor. Il-konvenut jiddubita l-praticita' tal-post ghall-finijiet tal-minuri, izda donnu lanqas hu konxju li saru alterazzjonijiet sabiex jagevolaw l-bzonnijiet tal-minuri.

Il-Qorti thoss li jekk tordna li l-attrici u l-minuri jitilqu mid-dar konjugali tkun qed tikkrea aktar instabbilita' f'hajjithom. Ikun fl-ahjar interessi tal-minuri li jibqghu jghixu hemmhekk mal-attrici sakemm it-tfal jilhqu l-istat taghhom, b'dana pero' li l-prelevament li qed tippretendi m'ghandux jithallas lura stante li se tkompli tgawdi d-dar hi, flimkien ma' uliedha.

**<u>MANTENIMENT</u>**

Skond digriet ta' Settembru, 2013, il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment fis-somma ta' €400 fix-xahar. Gieli kien hemm zmien meta ma kienx qed ihallas regolarment, izda recentement, l-attrici tikkonferma li l-hlas kien qed isir regolarment.

Ghandu jinghad ukoll li l-attrici tahdem, ghalkemm m'ghandhiex impjieg full-time peress li trid tiehu hsieb il-minuri E. Tenut kont tal-fatt li l-attrici kapaci tahdem u effettivament tahdem, ma hemmx il-htiega li jkun hemm manteniment ghaliha.

Dwar l-ammont ta' manteniment li kien gie dekretat mill-Qorti fl-2013, jirrizulta li ma hemmx kontestazzjoni dwar dan, minkejja li l-konvenut mhux dejjem kien konsistenti fil-hlasijiet tieghu. Ghandu jigi ukoll ikkunsidrat li l-minuri E ghandha l-problema ta' "cerebral palsy" u dan *per se* jwassal ghal hafna spejjes medici sabiex it-tifla tinghata kura u terapija.

Mill-provi migbura jirrizulta li l-konvenut jahdem bhala xufier mal-Paramount u ghandu paga ta' ukoll illi ma ngabux provi dwar l-introjtu tal-konvenut. Gie biss ippruvat li jahdem bhala xufier mal-Paramount u xejn aktar minn hekk. L-oneru tal-prova kienet fuq l-attrici, izda jirrizulta li hawn naqset milli tipprova l-kaz taghha. Madanakollu, jibqa' l-fatt li dina l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-kundizzjoni medika tal-minuri E u ghaldaqstant filwaqt li tikkonferma li l-ammont ta' manteniment ikun dak ta' €400 fix-xahar, l-ispejjes medici u edukattivi ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut. L-istess manteniment ghandu jizdied skond l-gholi tal-hajja u ghandu jibqa' jithallas sakemm it-tfal jibdew jahdmu jew jaghlqu tmintax-il sena jew jekk qedghin jistudjaw full-time sakemm it-tfal jaghlqu tlieta u ghoxrin (23) sena, skond liema minn dawn tavvera ruhha l-ewwel.

**<u>DEKADENZA</u>**

L-artikolu 48 jimponi d-dekadenzi fejn il-Qorti tiddetermina li l-kagun tas-separazzjoni hija l-adulterju u l-abbandun. F'dan il-kaz, il-konvenut qed jinzamm

responsabbli ghas-separazzjoni minhabba abbandun u adulterju u ghalhekk ghandhom japplikaw kontrih id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li hemm komunjoni sostanzjali. Jirrizultaw is-segwenti assi:-

1. Polza numru 104-1144 mal-Global Capital plc f'isem il-partjiiet u li kienet ghadha attiva u ma kienux qed isiru hlasijiet.

2. Polza numru 8001-3263 li ghadha attiva ukoll u din kienet tithallas mill-konvenut, pero' jidher li ma baqghetx tithallas. Sal-20 ta' Mejju, 2014 il-policy account value kienet tammonta ghal €68.24, u meta nbdiet fl-1991 il-konvenut kien ihallas il-premiums ta' €2493.40.

3. Polza ma' MSV Life plc. li nharget fit-2 ta' Frar, 2001. Ighid li kellhom ukoll polza fuq il-hajja. Is-surrender value ta' llum tal-polza kien jammonta ghal €10,024.30 u dan jeskludi l-annual policy loan li jammonta ghal €970.57 (zewg APL marbutin flimkien) u dan is-surrender value qed jigi kkalkolat mill-ewwel gurnata sas-sena 2026. Bhala investment value jikkonferma li dan kien jammonta ghal €13, 408.29.

   Tikkonferma ukoll illi l-ahhar zewg premia ghadhom ma thallsux u t-total tal-actual premium paid jammontaw ghal €10,715.10.

4. Kontijiet bankarji mal-Banif Bank plc. u l-Bank of Valletta plc.

5. Prelevament tal-attrici fuq spejjes li saru fid-dar matrimonjali.

6. Vetturi – il-konvenut ghandhu Hyundai Lantra, proprjeta’ tat-tifel t’ohtu u kellu vettura ohra Holden, filwaqt li l-attrici ghandha Toyota Starlet.

Dwar l-poloz mal-Global Capital u MSV Life plc. dawn ghandhom jinghalqu, wara, jekk jehtieg li jithallsu l-arretrati tal-premia li hemm u r-rikavat jinqasam bejniethom.

Dwar il-kontijiet bankarji, kulhadd izomm il-kontijiet li ghandu f’ismu.

A skans ta’ ripetizzjoni, dwar il-prelevament tal-ispejjes li qed tippretendi li ghandha tiehu l-attrici minhabba d-dar matrimonjali, dina l-Qorti diga’ ppronunzjat ruhha.

Dwar il-vetturi kulhadd ghandu jzomm il-vettura tieghu.

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ abbandun u adulterju u dan sa minn Jannar, 2014.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna l-modalitjiet ta’ access ikunu kif irrakkomandat aktar ‘l fuq u tinnomina lil Therese Micallef bhala family therapist biex issegwi l-andament tal-minuri u taghti r-rakkomandazzjonijiet taghha dwar meta u jekk ghandu jinbeda l-access.

3. Tilqa’ t-tielet talba, b’dana li l-attrici u uliedha jistghu jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali sakemm il-minuri jilhqu l-istat taghhom.

4. Tilqa’ r-raba’ talba in kwantu l-konvenut ghandu jhallas manteniment fis-somma ta’ €400 fix-xahar ghall-minuri, kif ukoll huwa obbligat li jhallas l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, b’dana li dan il-manteniment ghandu jghola darba fis-sena skond l-gholi tal-hajja, u jibqa’ jithallas sakemm il-minuri jibdew jahdmu jew jghalqu tmintax-il sena jew sakemm jghalqu tlieta u ghoxrin 23 sena sakemm , liema wahda tavvera ruhha l-ewwel.

5. Tilqa’ l-hames talba kif diga’ gie sottomess.

6. Tilqa’ s-sitt talba u filwaqt li tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, tillikwidaha fil-mod fuq sottomess.

7. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni mis-seba’ talba peress li l-mertu diga’ gie deciz fit-talba numru hamsa.

8. Tilqa’ t-tmien talba.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-proceduri tal-medjazzjoni kontra l-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**